

Brussell, 11 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9257/25
ADD 5

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0408 (COD)

JUSTCIV 101
ECOFIN 585
COMPET 405
JAI 652
CODEC 656

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni mill-Belġju

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dikjarazzjoni mill-Belġju li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill.

**Dikjarazzjoni Nazzjonali mill-Belġju
dwar il-Proposta għal Direttiva dwar l-armonizzazzjoni
ta' ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza
Approċċ Ġenerali**

Il-Belġju jappoġġa bis-siġh l-oġġettiv tad-direttiva proposta. Regoli ta' insolvenza aktar armonizzati ser isaħħu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Il-Belġju jappoġġa wkoll il-protezzjoni tal-kredituri.

Madankollu, aħna konvinti li l-oġġettiv tal-protezzjoni tal-kredituri huwa aktar importanti mill-mezzi biex jinkiseb dan, bħal kumitat tal-kredituri previst fit-Titolu VII.

Il-Belġju huwa sostenitur qawwi tal-armonizzazzjoni, iżda mhux b'mod riġidu. Aħna npoġġu l-enfasi fuq l-oġġettiv, mhux fuq il-mezzi.

Nemmnu li sistema nazzjonali li tiffunzjona tajjeb, sistema li hija aktar rapida, effiċjenti u irħas, u li tipprevedi l-istess garanziji għall-kredituri kif propost fit-test, trid tiġi rikonoxxuta mit-test bħala ekwivalenti.

Fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali diġà tipprevedi l-protezzjoni tal-kredituri, li jiġi kostitwit kumitat tal-kredituri għandu jibqa' fakultattiv.

Għalhekk, il-Belġju jiddispijaċih li sistemi nazzjonali ekwivalenti li jipproteġu l-interessi tal-kredituri mhumiex rikonoxxuti mit-test u li t-Titolu VII jipprevedi li l-kumitat tal-kredituri jkun obbligatorju għall-Istati Membri.

Inqis li n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq huma sostanzjali.

B'dan, il-Belġju jastjeni mill-votazzjoni dwar l-adozzjoni tad-Direttiva.